MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru 554/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**

**VS**

**DAVID BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Borg ta' 21 sena, bin Carmelo u Nazzareno nee' Persiano, imwieled tal-Pieta', nhar it-23 ta' Gunju, 1983, residenti fil-fond numru 63, Sawra Street, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 417783 (M);

Akkuzat talli f'Gunju 2005, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

A. Meta kellu r-responsibbilta’ ta’ Rebecca u Abigail Decelis, it-tnejn li huma, tfal ta’ taht it-tnax-il sena, b’atti persistenti ta’ ghemil jew ta’ nuqqas ta’ ghemil, haqar lill-istess tfal imsemmija jew gieghel jew ippermetta il-mohqrija tat-tfal b’mezzi simili, u dan bi ksur tal-Artikolu 247(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

B. U aktar talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Rebecca u Abigail Decelis, minuri ta’ 5 (hamsa) u 4 (erbgha) snin rispettivament, kif iccertifikat minn Dr Cheryl Vella (Reg. 2774) tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 221, u 222 1 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

C. U kif ukoll talli, ghad li kellu l-jhedd li twiddeb lil Rebecca u Abigail Decelis, hareg barra mill-qies, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D. U kif ukoll talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, datata 11 ta’ Gunju, 2004.

Wara li rat id-dokumeneti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.
Wara li rat l-Artikoli 247 A(1), 221 (1) u (4), 222 (1)(b), u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat David Borg hati ta’ akkuzi A, B, u C kif dedotti kontrieh, u tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien sentejn (2).

Izda ma ssibux hati ta’ akkuza D, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------